**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 198/2009**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Patrick Gatt**
**(ID 212274(M))**

**Illum: 28 ta' Settembru 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Patrick Gatt** ta' 34 sena, iben Emanuel u Carmen nee` Pace, imwieled il-Pieta` nhar l-14 ta' Marzu 1974, residenti 47, John Borg Street, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 212274(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer nhar il-21 ta` Frar 2009, kif ukoll fit-tnax-il xahar ta' qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenza mill-President ta' Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija

u mingħajr ma kellu liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta hu ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

U aktar talli kkommetta l-imsemmija reati fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post ieħor fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985, kif emendai u tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat odjern tressaq taħt arrest quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta nhar id-9 ta' April 2009;

Rat ukoll illi din il-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri tal-1 ta' Frar 2013;

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini

Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1];

Rat illi waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu[2];

Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2013, il-partijiet ddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta[3];

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti:

Jirriżulta mill-atti proċesswali illi nhar l-14 ta' Settembru 2008, ġie arrestat ċertu Alfred Bonnici minn ġewwa l-istabbiliment *Clique* u dan wara li huwa nstab f'*toilet cubicle* tal-istess stabbiliment flimkien ma' żewġ persuni oħra, f'liema *cubicle* instabet ukoll landa bi tlettax-il borża kontenenti d-droga kokaina. Fl-istqarrija rilaxxjata minnu nhar il-15 ta' Settembru 2008, l-istess Alfred Bonnici ammetta li dik il-landa bid-droga kienet fil-pussess tiegħu bil-ħsieb illi huwa jbiegħ l-istess droga, u in oltre indika lill-imputat odjern – li dak iż-żmien kien f'relazzjoni ma' oħt Bonnici - bħala l-persuna li fornietu bid-droga kokaina f'dik l-okkażjoni, kif ukoll f'okkażjoni preċedenti ossia fis-6 ta' Settembru 2008. L-għada, 16 ta' Settembru 2008, Bonnici ikkonferma din l-istqarrija bil-ġurament quddiem il-Maġistrat (iżjed tard l-Onor. Imħallef) Dr. Michael Mallia.

Nhar il-21 ta' Frar 2009, l-imputat ġie mwaqqaf u arrestat mill-pulizija, wara li skont l-Ispettur (illum Supretendent) Keith Arnaud, huwa osservah jarmi oġġett mill-bieba tax-xufier. Waqt tfittxija fil-post instabet borża tal-plastik b'ħames boroż żgħar kontenenti d-droga kokaina. L-Ispettur Keith Arnaud jixhed illi din kienet konsenja kontrollata u dan fis-sens illi Bonnici ċempel lill-imputat u ftiehem sabiex jiltaqa' miegħu sabiex dan tal-aħħar iġib id-droga għal sitt persuni. L-imputat irrilaxxja ħames stqarrijiet lill-pulizija bejn it-23 ta' Frar 2009 u s-7 ta' April 2009[4] u għalhekk fiż-żmien meta l-liġi Maltija la kienet tipprovdi għall-jedd tal-imputat li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorji tiegħu u lanqas għall-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorji.

[1] Ara a fol. 9 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 8 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 116 tal-proċess.
[4] Ara a fol. 55 sa 64 tal-proċess.

Nhar is-27 ta' Marzu 2009, Bonnici deher quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta u rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, ossia a) li forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, kif ukoll b) li kellu l-pussess aggravat ta' dik id-droga, dwar liema, wara li bbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa ġie kkundannat għall-piena ta' sitt xhur priġunerija effettiva u multa ta' erba' mija, sebgħa u sittin ewro (€467).

Kif ingħad iżjed 'il fuq, l-imputat odjern imbagħad tressaq quddiem din il-Qorti taħt arrest fid-9 ta' April 2009, akkużat bl-imputazzjonijiet tal-lum.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Il-Qorti ser tibda billi titratta punt preliminari imqajjem mid-difiża fit-trattazzjoni finali tagħha.

In suċċint, id-difiża tissottometti in kwantu għal dak li seħħ nhar il-21 ta' Frar 2009, illi la darba skont il-Prosekuzzjoni, din kienet konsenja kontrollata fit-termini tal-Artikolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, din kellha ssir bl-awtoriżżazzjoni tal-Maġistrat jew tal-Avukat Ġenerali skont il-liġi. Tkompli tissottometti d-difiża illi la darba ma tirriżultax din l-awtoriżżazzjoni, dak kollu li seħħ nhar il-21 ta' Frar 2009 kien illegali, bir-riżultat illi kull dokument li nġabar u kull analizi li saret fir-rigward, huma inammissibbli bħala prova.

L-Artikolu 30B tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> (1) Minkejja kull ħaġa li tinsab f'kull liġi oħra, il-Pulizija Esekuttiva, u fejn ikun il-każ, l-Awtoritajiet tad-Dwana, jistgħu, bil-kunsens tal-Avukat Ġenerali jew ta' maġistrat, iħallu li ssir konsenja kontrollata.
>
> (2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, konsenja kontrollata tfisser it-teknika li biha konsenja illeċita jew suspettata ta' mediċina perikoluża (kif imfissra fl-artikolu 12) jew ta' flus, proprjetà jew rikavat kif hemm imsemmi fl-artikolu 22(1Ċ)(a) titħalla toħroġ minn Malta, tgħaddi minn Malta jew tidħol Malta, jew titħalla tgħaddi minn post jew mingħand persuna f'Malta għal post ieħor jew persuna oħra f'Malta, jew titħalla tidħol fit-territorju ta' pajjiż ieħor, intatta, jew imneħħija jew mibdula kompletament jew parzjalment, bil-kunsens u taħt is-sorveljanza tal-Pulizija Esekuttiva u, fejn tkun il-każ, tal-Awtoritajiet tad-Dwana u tal-awtoritajiet kompetenti ta' dak il-pajjiż ieħor, bil-għan li jiġu identifikati l-persuni involuti fl-egħmil tar-reati taħt din l-Ordinanza jew taħt il-liġi korrispondenti li tkun isseħħ fit-territorju ta' dak il-pajjiż ieħor.

> (3) Il-Pulizija Esekuttiva jew xi persuna taħt is-sorveljanza jew direzzjoni tal-Pulizija Esekuttiva tista', bil-kunsens tal-Avukat Ġenerali jew ta' maġistrat, bil-għan li tidentifika persuni involuti fl-egħmil tar-reati taħt din l-Ordinanza, takkwista jew tipprokura mediċina perikoluża (kif imfissra fl-artikolu 12) jew konsenja suspetta ta' flus, proprejtà jew rikavat kif hemm imsemmi fl-artikolu 22(1Ċ)(a) mingħand kull persuna u minn kull post.

Dan ifisser illi konsenja jew xiri kkontrollat ta' droga jista' jsir mill-Pulizija Eżekuttiva (jew minn persuna taħt is-sorveljanza jew direzzjoni tal-Pulizija Eżekuttiva) jew mill-Awtoritajiet tad-Dwana kemm il-darba jkunu ottjenew il-kunsens tal-Avukat Ġenerali jew ta' Maġistrat.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andre` Falzon** (Att ta' Akkuża 13/09), deċiża mill-Qorti Kriminali fl-10 ta' Ottubru 2012, il-Qorti qalet hekk dwar il-kunsens meħtieġ fil-każ ta' konsenja kkontrollata:

> "Minn ezami akkurat ta' dan l-Artikolu mkien ma jirrizulta illi dan il-kunsens bilfors irid isir bil-miktub, dan jaghmel hafna sens il ghaliex fil-prattika mhux dejjem ikun hemm zmien bizzejjed sabiex dan il-kunsens hekk jinghata. Fil-fatt fil-maggoranza tal-kazijiet jirrizulta, minhabba n-nuqqas ta' hin disponibbli ghall-pulizija u sabiex jorganizzaw din il-konsenja kontrollata, jinfurmaw lill-Magistrat proprju ftit mumenti qabel ma ssir il-konsenja, l-Magistrat jaghti l-kunsens tieghu verbalment imbaghad aktar tard jiffirma d-dokumenti ghat-tali konsenja. Dawn id-dokumenti mhumhiex necessarji ghall-validita' tal-konsenja, l-importanti illi jkun hemm prova illi l-Magistrat ikun gie nfurmat u ta' l-kunsens tieghu. Din il-prova tista ssir b'diversi modi jew b'dokumenti jew inkella bix-xhieda guramentata ta' l-Ispettur li jkun ottjena tali permess".

Madankollu, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) tal-15 ta' Jannar 2020 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Gambin u Adel Mohammed Babani** (Att ta' Akkuża 22/13), ingħad hekk dwar il-prova tal-kunsens meħtieġ fil-każ ta' konsenja kkontrollata:

> "20. Din il-Qorti hi tal-fehma illi konsenja kontrollata hija kwistjoni serja li tirrikjedi li tkun dokumentata b'dettalji precizi ghaliex hafna drabi si tratta ta' awtorizazzjoni sabiex droga, wisq drabi f'ammonti sostanzjali, tithalla f'idejn persuni anke intercettati bl-istess droga kif ukoll li jsir hlas ghaliha bi flejjes li dwarhom tkun mehtiega ukoll prova ta' provenjenza u prova li jkunu l-istess flejjes f'kaz li n-negozju jkun sar bis-sahha ta' dik il-konsenja kontrollata. Oltre dan, jehtieg li jkun accertabbli li dik il-konsenja kontrollata tkun saret kif awtorizzata mill-Avukat Generali jew mill-magistrat u fil-konfront tas-suspettat

imsemmi fl-awtorizazzjoni. Ghalkemm mhux necessarju li l-Pulizija tizvela min hi l-persuna li informata bl-allegat pjan ta' traffikar, jehtieg almenu li jkun hemm indikazzjoni tad-destinazzjoni intiza, mahsuba jew suspettata u dettalji ohra biex juru li dik l-awtorizazzjoni inghatat ghal dik l-operazzjoni fi hdan tal-informazzjoni moghtija lill-Avukat Generali jew lill-magistrat skont il-kaz;

...

24. Huwa inkoncepibbli li Magistrat jawtorizza l-konsenja kontrollata fit-termini tal-artikolu 30B tal-Kap 101 jekk mhux bil-forma miktuba. Issa jekk din ghall-ewwel issirx bil-fomm u aktar tard tkunx segwita bil-miktub ghal-fini ta' espedjenza hija kwistjoni ta' dettal insinjifikanti ghaliex anke jekk kif jigri fil-prattika, l-Pulizija tipprezenta talba direttament f'idejn magistrat u l-istess magistrat jakkorda t-talba naturalment ikun sufficjenti. Kontra dak li jsehh fil-kwistjoni ta' mandat ta' zamma u tfittxija, il-Pulizija jkun jehtigilha zzomm dak il-mandat f'idejha u turih lill-persuna mizmuma jew li dwarha ssir il-perkwisizzjoni. F'kaz bhal dak odjern certament mhux mistenni bl-ebda tigbid tal-imaginiazzjoni li l-Pulizija turi dik l-awtorizazzjoni meta taghmel l-arrest, izda dik l-awtorizazzjoni certament hi mehtiega fi stadju ulterjuri f'kaz ta' prosekuzzjoni. Dak li hu ta' importanza f'dan kollu, izda, hu li tkun tezisti dik id-dokumentazzjoni li turi l-awtorizazzjoni tal-Avukat Generali jew tal-magistrat."

Fil-każ odjern, u kif tajjeb tgħid id-difiża fit-trattazzjoni finali tagħha, l-ewwel aċċenn għal konsenja kontrollata temerġi mill-vera kopja tal-atti tal-proċeduri li ttieħdu fil-konfront ta' Alfred Bonnici, li jinsabu esebiti fl-atti tal-każ odjern.[5] B'referenza għall-istqarrija rilaxxjata minn Bonnici lill-pulizija wara l-arrest tiegħu, liema stqarrija kif ingħad huwa kkonfermaha bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Dr. Michael Mallia, **l-Ispettur Keith Arnaud** jixhed hekk f'dawk il-proċeduri, fis-27 ta' Marzu 2009:

"Avukat: din l-istqarrija effettivament jirrizulta l-applikabilita ta' l-Artikolu 29

Xhud: iva u fil-fatt kien wassalna wkoll ghall-persuna li minghandu kien xtara d-droga u fil-fatt tkompliet l-investigazzjoni xi gimghat ilu wkoll

Avukat: fil-fatt nghid sew li apparti li kien hemm l-istqarrija guramentata fit-terminu ta' l-Artikolu 30A kien hemm ukoll kwistjoni ta' controlled delivery

[5] Ara a fol. 43 tal-proċess.

Xhud: Iva u ghandu jibbenefika fil-massimu"[6]

Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, l-**Ispettur** (illum Assistent Kummissarju) **Dennis Theuma** jixhed illi fil-21 ta' Frar 2009, tard filgħaxija, saret operazzjoni konġunta bejn membri tal-Iskwadra kontra d-Droga, taħt is-superviżjoni tiegħu u membri mid-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali ossia l-iskwadra tal-Ispettur Arnaud u dan fuq informazzjoni li huma kellhom dwar bejgħ ta' droga minn xufier tat-*taxi* li jkun Paceville u ċioe` l-imputat odjern. Huwa jkompli jgħid illi skont l-informazzjoni kunfidenzjali li kellhom, l-imputat kien juża t-*taxi* tiegħu, mudell BMW BTY 037 sabiex jitraffika d-droga fiż-żona ta' Paceville u illi fil-lejl in kwistjoni, huwa kien ser ibiegħ jew jgħaddi xi droga lil terzi. Għalhekk għall-ħabta tal-10.00 p.m. huwa ltaqa' mal-Ispettur Arnaud ġewwa Paceville, fil-parti ta' fuq ta' Triq Elia Zammit u hemmhekk sar jaf li l-Ispettur Arnaud, li kien wasal qablu, kien diġa` pprova jwaqqaf lill-imputat, li kien għadu kif għamel kuntatt ma' terzi.[7]

Bl-istess mod, **PS 435 David Damato** jixhed illi b'referenza għal-lejl in kwistjoni (għalkemm erronjement jirreferi għal dan il-lejl bħala dak tal-24 ta' Frar 2009) l-Ispettur Keith Arnaud kellu informazzjoni kunfidenzjali dwar l-imputat in konnessjoni ma' droga.[8] **PC 751 Joe Borg** ukoll jixhed illi l-Pulizija Eżekuttiva kellha informazzjoni illi fil-21 ta' Frar, ċertu Patrick Gatt, *taxi driver* bin-numru 37, kellu jgħaddi mill-inħawi tal-pont tas-Swieqi u illi fil-pussess tiegħu kellu xi droga li kien ser jitraffikaha.[9] F'dan is-sens xehed ukoll **PC 1372 Alan Cutajar**.[10]

Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, in eżami, **l-Ispettur Keith Arnaud** jixhed, b'referenza għal dak li seħħ fil-21 ta' Frar 2009, illi dakinhar kellhom informazzjoni illi l-imputat odjern kien reġa'[11] qed ibiegħ id-droga ġewwa Paceville u illi kienu marru fuq il-post grupp ta' pulizija, inkluż hu u l-Ispettur Dennis Theuma, kif ukoll PS 396, PC 1372 u PS 435. Jixhed ukoll illi għall-ħabta tad-9.15 p.m., innutaw lil Alfred Bonnici nieżel bil-pass lejn Triq Santu Wistin, Swieqi, illi huwa segwih bil-pass u raħ jirkeb f'vettura Mercedes bin-numru ta' reġistrazzjoni DAB 293, f'liema vettura kien hemm l-imputat waħdu, bħala xufier. Huwa jixhed illi hekk kif Bonnici rikeb fil-vettura, huwa mar mill-ewwel fuq in-naħa tal-imputat u qallu biex jieqaf u jinżel mill-vettura, iżda l-imputat minflok saq minn fuq il-post b'saħħtu. Ix-xhud ra lill-imputat jarmi "*xi*

[6] Ara a fol. 7 u 8 ta' dawk l-atti.
[7] Ara a fol. 24 u 25 tal-proċess.
[8] Ara a fol. 28 tal-proċess.
[9] Ara a fol. 85 tal-proċess.
[10] Ara a fol. 89 tal-proċess.
[11] Preċedentement, waqt l-istess udjenza, ix-xhud xehed dwar l-arrest u l-investigazzjoni ta' Alfred Bonnici u dwar dak li fl-istqarrija rilaxxjata u kkonfermatha minnu bil-ġurament, l-istess Bonnici qal fil-konfront tal-imputat odjern ossia illi f'żewġ okkażjonijiet l-imputat kien għadda d-droga kokaina lil Bonnici sabiex dan ibiegħha lil terzi (ara a fol. 47 sa 51 tal-proċess).

*pakkett*" li dak il-ħin huwa ma setax jara x'kien. Jixhed ukoll kif ftit tal-ħin wara l-imputat kellu jieqaf stante li kien hemm it-traffiku f'liema waqt huwa laħqu, fetaħ il-bieba u l-imputat ġie maħruġ mill-vettura. Fil-frattemp, Alfred Bonnici ħarab minn fuq il-post.[12]

Il-Qorti tinnota illi sa hawnhekk l-unika aċċenn għal dak li iżjed tard ssejħet mill-Ispettur Arnaud bħala konsenja kkontrollata kien matul il-proċeduri fil-konfront ta' Alfred Bonnici, kif fuq ċitat, kif ukoll matul ix-xhieda tal-istess Alfred Bonnici f'dawn il-proċeduri, minn Bonnici stess, u dan kif ser jirriżulta iżjed 'il quddiem. Fl-istadju tal-provi tal-Prosekuzzjoni, l-uffiċjali tal-Pulizija li taw ix-xhieda tagħhom f'dawn il-proċeduri, fl-ebda waqt ma indikaw li din kienet konsenja kkontrollata, iżda xehdu sempliċiment illi huma kellhom informazzjoni kunfidenzjali li l-imputat kien ser ibiegħ xi droga u għalhekk marru fuq il-post fid-dawl ta' din l-informazzjoni.

Fil-kontro-eżami tiegħu f'dawn il-proċeduri, madankollu, **l-Ispettur Keith Arnaud** jikkonferma illi fl-operazzjoni tal-21 ta' Frar 2009, kien hemm il-kooperazzjoni ta' Alfred Bonnici. Jikkonferma wkoll illi l-ewwel kuntatt li kienet għamlet il-pulizija ma' Bonnici kien fl-14 ta' Settembru 2008, meta dan ġie arrestat u rriżulta illi kien qed jittraffika d-droga kokaina ġewwa l-istabbiliment *Clique* f'Paceville. Jixhed illi waqt din l-investigazzjoni, Bonnici implika lill-imputat odjern u dan fis-sens illi huwa stqarr illi d-droga kokaina kienet tiġi fornuta lilu mill-imputat sabiex ibiegħha lil terzi. Jikkonferma wkoll illi wara din l-informazzjoni li ngħatat minn Bonnici u qabel il-21 ta' Frar 2009, il-pulizija qatt ma tkellmet mal-imputat fuq traffikar ta' droga in konnessjoni ma' dan il-każ u da parti tiegħu, huwa lanqas ta xi struzzjonijiet sabiex jiġi sorveljat l-imputat odjern fuq l-iskorta tal-informazzjoni mogħtija minn Bonnici. Jikkonferma in oltre illi l-intervent tal-21 ta' Frar 2009 sar fid-dawl tal-informazzjoni li kien provda Bonnici u bil-kooperazzjoni ta' Bonnici stess u mistoqsi jekk din kinitx konsjena kkontrollata, huwa jwieġeb fl-affermattiv. Dwar il-kuntatt li sar mal-imputat, l-Ispettur Arnaud jgħid hekk:

> "Kien cempillu Alfred Bonnici, kemm kkonferma li ser ikun hemm hekk u qallu kif jitkellem mieghu is-soltu, qallu rrid ghal sitta min-nies, bhala l-kliem li kienu juzaw bejniethom. U kienu ftehmu li jiltaqa' mieghu is-Swieqi, fejn it-tunnels tas-Swieqi qabel ma tinzel lejn Triq Santu Wistin, lejn l-Eden Cinema. U konna morna hemm hekk. Kellna xi nies imqassmin just in case Patrick jipprova jahrab minn fuq il-post. U jiena u tnejn ohra konna ffolowjajna lil Alfred biex kif imur biex jirkeb jigi arrestat Patrick"[13]

[12] Ara a fol. 51 u 52 tal-proċess.
[13] A fol. 140 tal-proċess.

Jgħid in oltre illi t-telefonata minn Bonnici lill-imputat saret fil-presenza tiegħu, mill-*mobile phone* tal-istess Bonnici. Jgħid ukoll fuq mistoqsija li saret mid-difiża illi matul it-telefonata ma ssemmietx droga u illi kienu ftehmu sabiex jiltaqgħu fil-21 ta' Frar fid-9.00 p.m. Dakinhar imbagħad Bonnici tela' fil-vettura tal-imputat u huwa ntervjena sekondi wara billi resaq lejn il-vettura u fetaħ il-bieba tan-naħa tax-xufier ossia tal-imputat, f'liema mument Bonnici ħareġ mill-vettura u telaq, kif kienu qalulu jagħmel.[14]

Jirriżulta għalhekk mill-atti proċesswali illi għal xi raġuni, fl-istadju tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni, ma ssemmietx il-kooperazzjoni ta' Bonnici in konnessjoni ma' dak li seħħ fi Frar 2009, għalkemm fix-xhieda tiegħu in eżami, Alfred Bonnici jagħmel aċċenni għal dan, iżda l-Ispettur Arnaud semma għall-ewwel darba l-'konsenja kkontrollata' f'dawn il-proċeduri waqt il-kontro-eżami li sarlu mid-difiża. Hawnhekk ma kienx il-każ ta' *informer* li l-identita` tiegħu kienet qed tiġi protetta mill-pulizija għaliex fi kwalunkwe każ ftit xhur wara ossia fis-6 ta' Novembru 2009, Alfred Bonnici xehed f'dawn il-proċeduri in konnessjoni mal-istqarrija li huwa kien irrilaxxja lill-pulizija u illi kkonferma bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Dr. Michael Mallia. Kienet x'kienet ir-raġuni għalfejn fl-istadju tal-provi tal-Prosekuzzjoni, l-uffiċjali tal-pulizija ma semmewx l-involviment ta' Bonnici in konnessjoni mal-avvenimenti tal-21 ta' Frar 2009, huwa wkoll evidenti illi ma jirriżultax illi din kienet konsenja kkontrollata skont il-liġi, stante illi l-Ispettur Arnaud fl-ebda mument ma jixhed illi huwa jew ħaddieħor ottjenew il-kunsens tal-Avukat Ġenerali jew tal-Maġistrat sabiex dan seta' jsir u wisq inqas ġiet esebita l-awtorizżazzjoni tal-Avukat Ġenerali jew tal-Maġistrat bil-miktub.

Fil-fehma tal-Qorti, jeħtieġ għalhekk illi jiġi stabbilit jekk l-avvenimenti tal-21 ta' Frar 2009, għandhomx jitqiesu bħala *entrapment.*

Il-kunċett ta' *entrapment* u l-aġent provokatur huma mfissra f'**Wharton's Criminal Evidence** fejn jingħad hekk:

> "*it is clear that traps may be laid and that artifice and stratagem may be employed to catch those engaged in criminal enterprises. But when a law enforcement officer induces an innocent person to commit a crime that otherwise would never have been committed, the defence of entrapment would be available in the event that the actor were prosecuted thereof. The distinction has been aptly perceived thus, "It is not the entrapment of a criminal upon which the law frowns but the seduction of innocent people into a criminal career by its officer is what is condemned and will not be tolerated.*"[15]

[14] Ara din ix-xhieda a fol. 123 sa 147 tal-proċess.
[15] L-Ewwel Volum, paġna 56.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-8 ta' Jannar 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ronald Psaila**, ingħad hekk dwar id-difiża tal-*entrapment*:

> L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, fis-sens li huwa gie istigat mill-istess Pulizija Ezekuttiva sabiex huwa jaghmel reat. Huwa jikkontendi li f'dan il-kaz kien hemm l-uzu ta' agent provocateur (fil-persuna tal-Ispettur Harrison). L-appellant jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tad-19 ta' Jannar, 1996 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Eugenio sive Genio Gaffarena***, u jikkontendi li "ma jaghmilx sens li wiehed jigi gudikat u sentenzjat fuq kommissjoni ta' reat provokat mill-istess Pulizija Ezekuttiva u fuq montatura. Jekk dan ikun il-kaz [il-]Pulizija Ezekuttiva a skorta (*sic!*) ta' din is-sentenza tista' tibda ccempel lin-nies kollha li jiehdu d-droga, tinstighom similment jipprokuraw id-droga u mbaghad tressaq lil kullhadd il-Qorti"
>
> Jibda biex jinghad, li kif tajjeb irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fis-sentenza ta' ***Gaffarena*** hawn aktar 'l fuq imsemmija, il-fatt li persuna tigi istigata li tikkommetti reat minn agent provokatur ma jezentax lil dik il-persuna mir-responsabbilta` kriminali:
>
> "Jekk pero` huwa veru, kif inhu veru, li l-ligi taghna ma tezonerax lill-agent provokatur mir-responsabbilta` kriminali li jista' jinkorri fiha, daqstant iehor ma hemmx ikkontemplata fil-ligi taghna xi ezenzjoni mir-responsabbilta` kriminali ghal min jikkommetti reat taht l-istigazzjoni ta' agent provokatur tal-pulizija sakem ikun ippruvat li dak li jkun ikun agixxa xjentement."
>
> Fi kliem iehor, anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, jinghad li l-appellant ikommetta xi reat bi ksur tal-Kap. 101 minhabba li gie istigat jaghmel hekk mill-Pulizija jew minn xi pulizija partikolari, <u>dana l-fatt ma jezonerax lill-appellant mir-responsabbilta` penali</u> (salv, naturalment, li tali istigazzjoni ma tkunx tammonta ghal koazzjoni fis-sens ta' l-Artikolu 33(b) tal-Kodici Kriminali); tali istigazzjoni tista', se mai, tittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' piena. Pero` fil-kaz in dizamina din il-Qorti tara li l-agir ta' l-Ispettur Harrison <u>la kien jammonta ghal istigazzjoni ghal reat u anqas jista' jinghad li dan l-ispettur kien agent provokatur</u>. Kif kienet fissret ir-*Royal Commission on Police Powers* tal-1928 fl-Ingilterra (Cmd. 3297), agent provokatur huwa proprjament "*a person who entices another to commit an express breach of the law which he would not otherwise have committed and then proceeds to inform against him in respect of such an offence*" [16]. L-espressjoni "*which he would not otherwise have committed*" hija importanti f'dan il-kuntest, hu hija l-qofol fid-distinzjoni bejn l-agent provokatur jew il-persuna li jistiga l-kommissjoni ta' reat fuq naha, u l-

[16] Ara ***Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice*** 2001, Sweet & Maxwell (London), 2001, para. 15-491, pagna 1532.

persuna li tillixka jew tintrappola li min ikun diga predispost li jikkommetti dak ir-reat indipendentement mill-intervent tal-ufficjal tal-pulizija jew ta' min ikun qed jagixxi fuq struzzjonijiet tal-pulizija. Kif inghad fis-sentenza ta' Gaffarena (fuq l-iskorta ta' sentenza Amerikana hemm citata), "*decoys are permissible to entrap criminals but not to create them*". Fl-ahhar edizzjoni ta' Archbold jinghad hekk:

> "In Nottinhgam City Council v. Amin [2000] 1 Cr.App.R. 426, DC, Lord Bingham C.J., distinguishing de Castro[17], said it was "deeply offensive to ordinary notions of fairness" if a defendant were to be convicted of a crime which he only committed because he had been "incited, instigated, persuaded, pressurised or wheedled" by a law enforecement officer. It was, however, unobjectionable if such an officer gave a defendant an opportunity to break the law, of which the defendant freely took advantage, in circumstances where it appears that the defendant would have behaved in the same way if the opportunity had been offered by anyone else."[18] [sottolinear ta' dik il-Qorti]

Fi **Blackstone's Criminal Practice 2013**, jingħad hekk dwar il-kunċett ta' *entrapment*:

> *"... Police conduct which brings about state-created crime is unacceptable and improper, and to prosecute in such circumstances would be an affront to the public conscience. However, if the accused already had the intent to commit a crime of the same or a similar kind, and the police did no more than give him the opportunity to fulfil his existing intent, that is unobjectionable (per Lord Nicholls of Birkenhead at [19] and [21]). A useful guide is to consider whether the police did no more than present the accused with an unexceptional opportunity to commit a crime. The yardstick for the purpose of this test is, in general, whether the police conduct preceding the commission of the the offence was no more than might have been expected from others in the circumstances ([23]).*[19] ...
>
> ...
>
> *Ultimately, however, the overall consideration is always whether the conduct of the police or other law enforcement agency was so seriously improper as to bring the administration of justice into disrepute (Lord*

---

[17] Teixeira de Castro v. Portugal 28 E.H.R.R. 101.

[18] Op.cit. para. 15-496b, pagni 1534-1535.

[19] Fir-rigward **f'*Ridgeway v The Queen*** *(1995) 184 CLR 19* [paġna 92] intqal hekk: "*The State can justify the use of entrapment techniques to induce the commission of an offence only when the inducement is consistent with the ordinary temptations and stratagems that are likely to be encountered in the course of criminal activity. That may mean that some degree of deception, importunity and even threats on the part of the authorities may be acceptable. But once the State goes beyond the ordinary, it is likely to increase the incidence of crime by artificial means.*" (ara Blackstone, F2.36, paragrafu (d), paġna 2384).

*Nicholls at [25]). In applying this test, the court has regard to all the circumstances of the case, including those listed by Lord Nicholls at [26] to [28]: (a) the nature of the offence (the use of proactive techniques is more appropriate in some circumstances than others*[20]*, depending on secrecy and difficulty of detection, and the manner in which the particular criminal activity is carried on); (b) the reason for the particular police operation (having reasonable grounds for suspicion is one way good faith may be established, but having grounds for suspicion of a particular individual was not always essential*[21]*); (c) the nature and extent of police participation in the crime (the greater the inducement held out by the police, and the more forceful or persistent the police overtures, the more readily might a court concude that the police overstepped the boundary). It is also clear from this case that there is no appreciable difference between the requirements of Article 6 (or the Strasbourg jurisprudence on Article 6, such as Teixeira de Castro v Portugal (1998) 28 EHRR 101 ...) and English Law.*

*In M (2011) 175 JP 273, Stanley Burnton LJ said (at [15]) that there 'may be a difficult line to draw between legitimate police conduct and improper entrapment. In general, however, conduct that is open to a finding of such entrapment as to render a prosecution improper involves some pressure or persuasion on the defendent to commit the crime. Providing the opportunity for the commission of the crime will not of itself lead to a finding of entrapment.' His lordship concluded (at [18]) that it is:*

*... an inherent aspect of any undercover police operation that the undercover police officer insinuates himself into the confidence of those involved in the criminal conduct at which the operation is directed. For an officer who has so insinuated himself to offer an opportunity to a defendant to commit a criminal offence, in the absence of persuasion or pressure or the offer of a significant inducement, will not generally result in its being an abuse of the process to prosecute the person who takes that opportunity to commit an offence."*[22]

Fil-każ odjern, jeħtieġ illi l-Qorti tikkunsidra fl-ewwel lok dak li jirriżulta li seħħ nhar il-21 ta' Frar 2009.

---

[20] Blackstone ikompli jelabora dwar dan f'paġna 2385 u dan fid-dawl tad-deċiżjoni tal-House of Lords f'***Loosely*** [2001] 1 WLR 2060 fejn jindika r-reat ta' "*dealing in unlawful substances*" bħala wieħed mir-reati li fihom din it-teknika tiġi kkunsidrata bħala iżjed f'lokha milli fil-każ ta' reati oħrajn.

[21] F'paġna 2385, f'paragrafu (e)(ii) ikompli jingħad hekk dwar dan: "*The police must act in good faith. Having reasonable grounds for suspicion is one way good faith may be established. It is not normally considered a legitimate use of police power to provide people not suspected of being engaged in any criminal activity with the opportunity to commit crimes. (See, e.g., Ramanauskas v Lithuania [2008] Crim LR 639, where an officer acted on no more than rumours about a prosecutor's openness to bribery.) ...*"

[22] Paġni 1330 u 1331.

Kif ingħad, mix-xhieda tal-**Ispettur Arnaud** jirriżulta illi dakinhar flimkien ma' numru ta' pulizija oħra, huwa mar ġewwa Paceville għall-ħabta tad-9.15 p.m., innota lil Bonnici nieżel bil-pass lejn Triq Santu Wistin, in-naħa tas-Swieqi, u mexa warajh bil-pass meta nnutah jirkeb f'vettura Mercedes li kienet qed tinstaq mill-imputat odjern, li kien waħdu fil-vettura. Bonnici rikeb fil-vettura hekk kif din kienet wieqfa fin-nofs tat-triq, ħdejn il-mini ta' Swieqi, tħares lejn Triq Elia Zammit. Ix-xhud ikompli jgħid illi hekk kif Bonnici rikeb fil-vettura, huwa mar fuq in-naħa tax-xufier ossia tal-imputat u qallu sabiex jieqaf, identifika ruħu bħala pulizija u talbu sabiex jinżel mill-vettura. Iżid jgħid illi l-imputat kien jafu sew bħala pulizija stante illi huwa kien ikun ġewwa Paceville fuq xogħol tal-inqas darbtejn jew tliet darbiet fix-xahar u ġieli kien anke kellem lill-imputat meta dan kien ikun xogħol fil-venda bit-*taxi*. Minkejja dan, l-imputat saq minn fuq il-post bis-saħħa. Jgħid in oltre illi hekk kif l-imputat saq, huwa rnexxielu jiftaħlu l-bieba tal-vettura, baqa' jgħidlu biex iwaqqaf il-vettura, iżda l-imputat baqa' jkaxkru u eventwalment, huwa kellu jitlaq l-istess vettura għax ma bediex ilaħħaq magħha.[23] L-Ispettur Arnaud iżid jgħid illi hekk kif huwa telaq il-vettura, il-bieba kienet għadha miftuħa, u eżatt qabel l-imputat għalaq il-bieba, huwa nnutah jarmi xi pakkett, li dak il-ħin ma setax jara x'kien, liema pakkett intrema n-naħa ta' barra ossia n-naħa fejn kien qed isuq ix-xufier, fil-baxx. Skont ix-xhud, dan seħħ fejn hemm il-mini ta' Swieqi, hekk kif wieħed ikun ser jaqbad it-telgħa żgħira li tagħti għar-*roundabout* qabel ma tidħol għal Triq Elia Zammit ġewwa Paceville. Jgħid in oltre illi dak il-ħin huwa ma waqafx jiġbor dak li ntrema, iżda baqa' jiġri bil-pass wara l-vettura li kellha tieqaf hekk kif waslet ħdejn ir-*roundabout* stante li kien hemm it-traffiku. Hemmhekk huwa reġa' laħaq lill-imputat, fetaħ il-bieba u waqqfu. Bonnici ħarab minn fuq il-post, filwaqt illi PS 396 u PC 1372 intervjenew minnufih u ħarġu lill-imputat mill-vettura. Ix-xhud ikompli jgħid illi ftit sekondi wara waslu fuq il-post PS 435 u l-Ispettur Dennis Theuma li minnufih ġew infurmati minnu b'dak li huwa kien għadu kif ra u dawn marru jiċċekkjaw x'kien intrema fit-triq mill-imputat. Dwar dan, l-Ispettur Arnaud jgħid ukoll illi din it-tfittxija saret ftit sekondi wara l-arrest tal-imputat, kif ukoll illi hekk kif l-Ispettur Theuma nfurmah illi kien sab il-pakkett, huwa niżel fuq il-post u raħ u ra wkoll illi dan instab fin-nofs tat-triq, ossia viċin id-*dotted line* li jifred iż-żewġ linji tat-traffiku. Jispeċifika illi huwa telaq il-bieba tal-vettura fil-bidu tat-telgħa, filwaqt illi l-vettura eventwalment waqfet fejn hemm iċ-ċatt. Jgħid illi huwa ġera u waqqaf lill-imputat u ħarġuh mill-vettura u illi kif libbsuh il-manetti, huwa bagħat lill-pulizija sabiex jiċċekkjaw ir-rotta tal-karozza u illi għalhekk għaddew biss minuti. Jgħid ukoll illi waqt illi huwa kien imqabbad mal-bieba tal-vettura tal-imputat, l-imputat kien fil-karozza waħdu.[24] In kontro-eżami, ix-xhud jgħid

---

[23] Ara wkoll ix-xhieda ta' **PC 1372 Alan Cutajar** fis-sens illi l-Ispettur Arnaud niżel bil-mixi u lemaħ lill-imputat, li kien qiegħed taħt il-pont tas-Swieqi. Filwaqt illi huma mxew bil-mod bil-vettura wara l-Ispettur Arnaud, raw illi l-istess Spettur prova jwaqqaf lill-imputat, iżda dan ma waqafx u minflok saq 'il fuq u pprova jitlaq minn fuq il-post, iżda eventwalment irnexxielhom iwaqqfuh ftit 'il fuq mar-*roundabout* (a fol. 89 tal-proċess).

[24] Ara a fol. 51 sa 53 u a fol. 106 sa 108 tal-proċess.

ukoll illi dan kien pakkett wieħed li fih kien hemm pakketti oħrajn[25]. Jispeċifika wkoll illi Bonnici ħareġ mill-vettura hekk kif huwa resaq lejn il-vettura u fetaħ il-bieba fuq in-naħa tal-imputat, b'dan għalhekk illi fil-vettura kien fadal biss l-imputat odjern.[26]

Fir-rigward, **l-Ispettur Dennis Theuma** jixhed illi meta huwa wasal fuq il-post, l-imputat kien diġa` ġie arrestat u f'dak il-waqt kienet qed issir tfittxija fuq il-persuna tiegħu u fil-vettura li kien qed isuq dakinhar. Jgħid in oltre illi l-Ispettur Arnuad qallu li meta prova jwaqqaf lill-imputat, dan rema borża tal-plastik, li possibilment setgħet kienet tikkontjeni d-droga u għalhekk huwa mar fuq il-post li ndikalu l-Ispettur Arnaud, ftit metri l-bogħod minn fejn twaqqfet il-vettura li kien qed isuq l-imputat, u hemmhekk sab lil PS 435 David Damato li kien qed ifittex fl-art u flimkien ma' PC 1372 fittxew f'dik il-parti tat-triq li kien indikalhom l-Ispettur Arnaud ossia fejn kien sar il-kuntatt inizzjali bejn l-istess Spettur u l-imputat. Ikompli jgħid illi "*Fin-nofs tal-imsemmija triq, bazikament din hija two lane fin-nofs, fejn ... ma jghaddux karozzi ... u jiena personalment fil-presenza ta' PS 435 David Damato u PC 1372 Alan Cutajar elevajt borza tal-plastic trasparenti li fiha kien hemm 5 qratas ohra tal-plastic kontenenti trab abjad allegatament droga kokaina. Dawn gew elevati minni personalment u preservati minni personalment.*"[27] L-Ispettur Theuma esebixxa dan id-dokument bħala Dok. DT 1.[28] Jgħid in oltre illi matul din it-tfittxija huwa qgħad attent illi jiġi elevat dak kollu li seta' kien droga u illi fil-fatt l-unika ħaġa li kienet suspettuża li sabu fit-triq fil-post li ndikalhom l-Ispettur Arnaud kien Dok. DT 1. Ma nstabu l-ebda traċċi ta' droga jew pakketti oħrajn.[29]

Dwar dan l-episodju, **PS 435 David Damato** jixhed illi huwa kien jinsab għassa fil-pjazza ta' Paceville, jistenna lill-imputat, meta xi għoxrin minuta wara rċieva telefonata mill-kollega tiegħu li qallu sabiex imur fil-bidu ta' Paceville ossia ġewwa Triq Elia Zammit. Hemmhekk huwa sab lill-imputat immanettjat u mdawwar b'xi pulizija, kif ukoll vettura Mercedes. L-Ispettur Arnaud mar fuqu u qallu biex imur l-isfel fit-triq u jagħmel tfittxija stante li dan kien ra lill-imputat jarmi xi ħaġa li setgħet kienet droga. Niżel fit-triq flimkien ma' PC 1372 Alan Cutajar u fin-niżla, ftit 'il fuq, f'nofs it-triq, huwa ra pakkett f'nofs it-triq, liema pakkett kien "*qisu b'xi trab abjad go fih*"[30]. Ftit 'il fuq minnhom kien hemm l-Ispettur Dennis Theuma u huwa nfurmah b'dak li kienu għadhom kif sabu. Jgħid illi t-triq ingħalqet u l-pakkett ġie elevat mill-Ispettur Theuma. Muri Dok. DT 1,

[25] Ara r-ritratti esebiti a fol. 46 tal-proċess.
[26] Ara a fol. 146 u 147 tal-proċess.
[27] Ara a fol. 25 tal-proċess.
[28] Ara din ix-xhieda a fol. 24 sa 27 tal-proċess.
[29] Ara a fol. 31 tal-proċess.
[30] Ara a fol. 29 tal-proċess.

ix-xhud jikkonferma li dawn kienu dak li kien instab fit-triq, iżda li jekk ma kienx sejjer żball dawn kienu f'pakkett wieħed.[31]

**PC 751 Joe Borg** jixhed illi fil-lejl in kwistjoni xogħlu kien li joqgħod fi Triq l-Għeriebel, viċin il-pont tas-Swieqi, u kemm il-darba huwa jara lill-imputat għaddej bil-vettura, huwa kellu jinforma lill-kollegi tiegħu sabiex dawn iwaqqfuh. Hekk kif sema' fuq ir-radju illi l-imputat kien ġie mwaqqaf mill-kollegi tiegħu li kienu jinsabu fi Triq Elia Zammit u hekk kif kien tiela' 'l fuq, huwa ra lil PS 435 David Damato b'torċ f'idejh ftit 'l isfel minn fejn kien twaqqaf l-istess imputat, iħares lejn l-art u jindika xi ħaġa bit-torċ. Huwa baqa' tiela' 'l fuq bil-vettura ħdejn l-Ispettur Arnaud u l-Ispettur Theuma, u hekk kif ra li s-sitwazzjoni kienet taħt kontroll, niżel bil-mixi lejn PS 435. Hemmhekk mal-art huwa ra pakkett bi trab abjad.[32]

**PC 1372 Alan Cutajar** ukoll jixhed illi hekk kif ġie arrestat l-imputat, l-Ispettur Arnaud mill-ewwel qalilhom illi huwa kien ra lill-istess imputat jarmi xi ħaġa barra mill-vettura u għalhekk, hu flimkien ma' PS 453 u mal-Ispettur Dennis Theuma niżlu fil-post indikat mill-Ispettur u hemmhekk sabu borża li kien fiha pakketti bi trab abjad. Jgħid ukoll illi dak il-ħin huma għalqu t-triq sakemm ġiet ippreżervata l-evidenza.[33]

Fit-trattazzjoni finali tiegħu, l-abbli avukat difensur jipprova jqajjem dubju dwar din is-sejba. Fl-ewwel lok jikkontendi illi l-Prosekuzzjoni baqgħet ma talbitx li ssir analiżi għall-impronta diġitali fuq il-boroż tal-plastik li allegatament intremew mill-imputat u jistaqsi għaliex dan baqa' ma sarx jekk il-Prosekuzzjoni kienet tant ċerta li din is-sustanza ntremiet mill-istess imputat. Jissottometti in oltre fir-rigward illi l-istess sustanza nstabet fl-għeluq tal-ġimgħa ġewwa Paceville, f'żona ffrekwentata ħafna u illi għalhekk ma jistax jingħad illi n-ness bejn is-sustanza li nstabet u l-imputat kien tant b'saħħtu b'tali mod illi wieħed jista' jgħid illi l-imputat kien fil-pussess ta' din id-droga.

Dwar dan, il-Qorti tinnota illi huwa minnu illi f'dawn il-proċeduri, il-Prosekuzzjoni baqgħet ma talbitx illi ssir analiżi għall-impronta diġitali fuq il-pakketti li ġew elevati nhar il-21 ta' Frar 2009 u illi skont l-istess Prosekuzzjoni ntremew mill-imputat odjern. Madankollu, il-Qorti tqis illi dan ma jnaqqas xejn mill-prova illi l-pakketti u s-sustanza in kwistjoni kienu fil-fatt fil-pussess tal-imputat. Jibda biex jingħad illi għalkemm Paceville hija żona frekwentata ħafna fejn evidentement tinstab ukoll id-droga, il-post partikolari fejn instabet id-droga f'dan il-każ – ossia fin-nofs tat-triq - mhuwiex post li wieħed jistenna jew li fih huwa normali jew komuni li tinstab id-droga. Il-posizzjoni li fiha nstab il-pakkett

---

[31] Ara a fol. 28 sa 30 tal-proċess.
[32] Ara a fol. 85 sa 88 tal-proċess.
[33] Ara a fol. 89 u 90 tal-proċess.

kontenenti ħames pakketti oħrajn bis-sustanza ossia fin-nofs tat-triq, viċin il-linja li taqsam iż-żewġ naħat tat-triq jikkombaċja perfettament ma' dak li jixhed l-Ispettur Arnaud, fis-sens illi waqt illi l-imputat baqa' jsuq il-vettura fit-telgħa li tagħti għar-*roundabout* u fil-waqt illi l-bieba tan-naħa tax-xufier kienet għadha miftuħa, huwa ra lill-imputat jarmi oġġett 'il barra mill-istess bieba tal-vettura, fil-baxx. Il-Qorti għalhekk m'għandhiex dubju illi l-pakkett in kwistjoni, li nstab fin-nofs tat-triq, kien proprju l-oġġett li l-Ispettur Arnaud ra lill-imputat jarmi mill-vettura. In oltre, l-Ispettur Arnaud indika b'mod ċar lill-Ispettur Theuma u lil PS 435 il-post fejn huwa kien innota dan il-moviment, it-tfittxija li wasslet għas-sejba saret ftit tal-mumenti wara li l-imputat ġie mwaqqaf u arrestat u in oltre m'għaddhiex xi ħin twil sakemm instabet is-sustanza. Irid jingħad ukoll illi huwa inverosimili illi proprju fil-mument li fih l-imputat kien qed jipprova jaħrab mill-Ispettur Arnaud, huwa ddeċieda li jarmi xi ħaġa, li ma kinitx droga, mill-bieba tal-vettura. Huwa evidenti wkoll illi l-manuvri tal-imputat li baqa' jsuq 'il fuq minkejja li l-Ispettur Arnaud talbu sabiex jieqaf u minkejja wkoll li dan kien fetaħlu l-bieba tal-vettura u baqa' jżomm magħha b'perikolu għalih, ma kinux dovuti għajr għall-fatt illi l-imputat kellu d-droga fil-pussess tiegħu u illi pprova jara kif jagħmel sabiex jeħles minnha. Huwa daqstant ieħor evidenti fil-fehma tal-Qorti illi l-imputat kien jaf ben tajjeb min kien l-Ispettur Arnaud, għaliex kif xehed l-istess Spettur, ma kinitx l-ewwel darba li huwa kien kellem lill-imputat fil-vesti tiegħu ta' membru tal-Korp tal-Pulizija ġewwa Paceville. Għalhekk ma jistax jingħad illi l-imputat ma waqafx stante li nħasad jew beża' għall-inkoluminita` tiegħu meta l-Ispettur Arnaud mar fuqu sabiex iwaqqfu.

M'hemmx dubju għalhekk illi l-pakkett li nstab fin-nofs tat-triq u li kien jikkontjeni ħames pakketti b'sustanza bajda kien proprju fil-pussess tal-imputat odjern.

Mir-relazzjoni tal-espert **ix-Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur minn din il-Qorti kif diversement preseduta b'digriet tal-1 ta' Ġunju 2009 sabiex janalizza s-sustanza esebita bħala Dok. DT 1[34], jirriżulta illi huwa ngħata *envelope* kannella mmarkat bħala S/B/196/2009 fi kien fih *inter alia evidence bag* bin-numru A01666059 immarkat bħala DT1 kontenenti ħames boroż tal-plastik trasparenti b'xi trab ta' lewn abjad u borża tal-plastik trasparenti vojta. Fir-rigward, l-espert ikkonkluda hekk:

> "Illi fl-estratti meħuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument 220_09_01, nstabet is-sustanza Kokaina. Il-piż total tat-trab kien ta' 3.08 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 32%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta".

[34] Ara a fol. 23 tal-proċess.

Jirriżulta wkoll mill-istess relazzjoni illi l-piżijiet tat-trab fil-pakketti in kwistjoni kienu s-segwenti rispettivament: 0.65g, 0.50g, 0.79g, 0.55g u 0.59g.[35]

Ifisser għalhekk mis-suespost illi fil-jum in kwisjtoni, l-imputat kien fil-pussess tad-droga kokaina.

Stabbilit dan, jeħtieġ illi l-Qorti tgħaddi sabiex tapplika l-prinċipji fuq enunċjati in konnessjoni mal-kunċett ta' *entrapment* għall-każ odjern.

M'hemmx dubbju mix-xhieda tal-Ispettur Keith Arnaud in kontro-eżami illi l-avvenimenti tal-21 ta' Frar 2009, meta allura rriżulta illi l-imputat kien fil-pussess tad-droga kokaina, seħħew wara illi fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Arnaud, Alfred Bonnici ċempel minn fuq il-*mobile phone* tiegħu lill-imputat odjern u qallu 'li ried għal sitta min-nies', waqt liema telefonata mbagħad ftehmu wkoll li jiltaqgħu ħdejn il-mini tas-Swieqi. Mix-xhieda tal-istess Spettur jirriżulta wkoll illi waqt din it-telefonata, Bonnici fl-ebda ħin ma semma d-droga. Jirriżulta in oltre illi sussegwentement, skont il-ftehim ma' Bonnici, l-imputat wasal fuq il-post miftiehem, rikkeb lil Bonnici fil-vettura u ġie mwaqqaf ftit tal-ħin wara mill-Ispettur Arnaud u l-pulizija tiegħu kif ingħad iżjed 'il fuq, u illi fil-fatt fil-pussess tiegħu kellu ħames pakketti bid-droga kokaina.

Lanqas ma hemm dubbju mill-atti proċesswali illi dak li wassal għat-telefonata ta' Bonnici lill-imputat fi Frar 2009, kien illi fil-15 ta' Settembru 2008, wara li huwa stess instab fil-pussess tad-droga kokaina, Bonnici rrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva li fiha huwa indika lill-imputat odjern bħala l-persuna li kienet fornietu b'din id-droga, liema stqarrija ġiet ikkonfermatha minnu bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Dr. Michael Mallia. Jirriżulta għalhekk illi l-eżerċizzju li seħħ li bih il-Pulizija Eżekuttiva inqdiet bit-telefonata u bil-ftehim ta' Bonnici mal-imputat sabiex dan tal-aħħar ifornilu d-droga fil-21 ta' Frar 2009, kien bażat fuq suspett raġjonevoli illi l-istess Pulizija Eżekuttiva kellha fil-konfront tal-istess imputat, liema suspett fl-aħħar mill-aħħar irriżulta wkoll illi kien wieħed fondat. Mix-xhieda tal-Ispettur Arnaud ma jirriżultax – u del resto lanqas m'huwa qed jiġi allegat mid-difiża – illi l-pulizija tramite Bonnici eżerċitaw xi pressjoni jew inkella b'xi forza jew b'mezzi oħra li jmorru oltre s-sempliċi opportunita` li jikkommetti r-reat, induċew jew ipperswadew lill-imputat sabiex jagħmel dak li għamel, iżda l-imputat ħa l-opportunita` mogħtija lilu u ltaqa' ma' Bonnici bid-droga, kif miftiehem.

Hawnhekk huwa neċessarju wkoll illi l-Qorti torbot dawn l-avvenimenti ma' dak li seħħ preċedentement f'Settembru 2008.

[35] Ara din ir-relazzjoni a fol. 78 tal-proċess u x-xhieda tal-istess espert a fol. 76 u 77 tal-proċess.

Jirriżulta mill-atti proċesswali illi nhar l-14 ta' Settembru 2008, l-Ispettur Keith Arnaud u PS 1355 daħlu ġewwa l-istabbiliment *Clique* sabiex jagħmlu spezzjonijiet relatati mad-droga u hemmhekk f'wieħed mit-*toilets*, wara li ġie sgassat il-bieb tal-istess, instabu tlett persuni, fosthom Alfred Bonnici, flimkien ma' ċertu Duncan Mangion u Wayne Nappa, imdawwrin mat-*toilet*. Fuq il-*flushing* tal-istess toilet, instabet landa kontenenti tlettax-il pakkett bi trab abjad suspettat kokaina, u fit-*toilet* instab ukoll pakkett vojt simili għall-pakketti li kien hemm fil-landa. It-tliet persuni ġew arrestati, u Bonnici rrilaxxja stqarrija dettaljata nhar il-15 ta' Settembru 2008, liema stqarrija kif ingħad huwa kkonfermaha bil-ġurament l-għada nhar is-16 ta' Settembru 2008. Jirriżulta wkoll mill-kontro-eżami tal-Ispettur Keith Arnaud illi qabel dakinhar Bonnici ma kienx magħruf mal-pulizija u illi dak li wassal għall-arrest tiegħu kienet spezzjoni ġewwa l-istabbiliment *Clique* wara li l-pulizija kellha informazzjoni li kienet qiegħda tiġi spaċċata d-droga fl-istess stabbiliment, b'mod partikolari fit-*toilets*.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu, **Alfred Bonnici** jgħid illi dakinhar huwa kien tela' Paceville, hu u miexi lejn Paceville għadda minn fejn ikunu weqfin it-*taxi*s u waqaf jitkellem ma' xufier, ċertu Patrick, illi kien ilu jafu madwar tlett snin, kemm kien ilu joħroġ ma' oħtu Giorgina u illi kien ilu jaf li jbiegħ il-kokaina għal dawk l-aħħar xahrejn. Jgħid ukoll illi madwar xahrejn qabel hu kien tela' Paceville u waqaf jitkellem ma' Patrick, kif kien ġieli jagħmel, meta sbieħ filgħodu mar raġel fuq Patrick u talbu biex iwasslu. Skont Bonnici, Patrick qallu biex jirkeb fit-*taxi* u huwa mar magħhom, kif ġieli għamel ukoll, għalkemm qabel qatt ma kien ra taħwid ta' droga. Dakinhar Patrick saq lejn ix-Xatt ta' San Ġiljan u dar fi triq fuq ix-xellug, x'imkien faċċata tal-Pizza Hut u baqa' dieħel fi triq mudlama. Waqaf bit-*taxi* fil-ġenb u mid-*dashboard* ħareġ pakkett tal-plastik li ġo fih kien hemm trab abjad. Spjega illi l-pakkett bid-droga kien moħbi fid-*dashboard*, wara l-bozza tal-*heater*. Patrick qala' l-bozza tal-*heater* u minn warajha ħareġ il-pakketti tad-droga li kienu mwaħħlin mal-*wires* tal-istess bozza. Skont hu, Patrick għadda l-pakkett lir-raġel li kien riekeb fit-*taxi* fuq wara, ir-raġel ħallsu €70, u Patrick reġa' saq lura lejn il-venda u waqqaf lir-raġel ħdejn ir-*roundabout* viċin il-venda tal-linja. Patrick saq lura lejn il-venda tat-*taxis* ta' Paceville, u qabel niżel mill-vettura, dan tah €10 għaliex skont hu, kien jaf li kien *broke* u qallu biex ma jparla ma' ħadd, lanqas ma' oħtu. Dakinhar induna li t-trab in kwistjoni kien kokaina għaliex kienu fil-pakketti u Patrick qallu biex ma jgħid xejn, apparti li wara kien qallu wkoll biex iċempillu, jekk ikun jaf lil xi ħadd li jrid jixtri.

Bonnici għid ukoll illi kien hemm okkażjonijiet fejn Patrick tah id-droga biex ibiegħha. Jgħid illi l-ewwel darba li ġara dan kien il-*weekend* ta' qabel ċioe` fis-6 ta' Settembru 2008 meta ltaqa' ma' Patrick ġewwa Paceville u waqfu jitkellmu. Jgħid illi Patrick staqsieh fejn kien sejjer, hu wieġbu li kien sejjer Paceville u Patrick staqsieh jekk riedx jeħodlu xi ħames pakketti kokaina. Bonnici stqarr illi peress illi kien jiddejjaq minn Patrick, huwa aċċetta, apparti li iżjed tard qal ukoll

illi dawk l-aħħar erba' ġimgħat kien ġie mwaqqaf mix-xogħol u ġie dahru mal-ħajt, Patrick tah ħames pakketti u qallu li jekk ibiegħhom kollha, kien ser jagħtih €10 għal kull pakkett. Skont hu, Patrick qallu illi kull pakkett kien fih gramma u li kellu jbiegħhom €70 il-wieħed.

Jgħid ukoll illi Patrick ħareġ id-droga mill-istess post li huwa kien rah joħroġ id-droga l-ewwel darba u ċioe` mill-bozza tal-*heater* fid-*dashboard.* Jgħid illi Patrick daħal fil-vettura waħdu, ħareġ id-droga mid-*dashboard* u qegħdha fuq is-*seat* tal-passiġġier. Patrick niżel mill-vettura u quddiem sħabu, huwa talbu sabiex iġiblu s-sigaretti mill-vettura. Għalhek huwa daħal fiha u ġabar il-ħames pakketti u tefagħhom fil-but, filwaqt illi wara ta s-sigaretti lil Patrick.

Dwar dawn il-pakketti, Bonnici stqarr illi dawn biegħhom kollha f'daqqa lil Taljan ġo sqaq quddiem *121 Lounge Bar,* ġewwa t-taraġ faċċata tal-istabbilment *Axis*. Jgħid illi huwa biegħ id-droga bil-prezz ta' €70 kif kien qallu Patrick, u dan tah €50, skont kif ftehmu.

Dwar il-lejl tal-14 ta' Settembru 2008, Bonnici stqarr illi hu mar Paceville u hemm waqaf jitkellem ma' Patrick, li qallu biex jirkeb ħdejh fil-vettura u staqsieh jekk kienx ser jeħodlu xi ħaġa oħra, għal-liema huwa wieġbu fl-affermattiv. Jgħid illi Patrick ħareġ landa minn taħt is-*seat* tax-xufier, fetaħhom quddiemu u qallu li kien hemm erbatax-il pakkett bil-kokaina, li kellu jbiegħhom bil-prezz ta' €70 kull pakkett u illi jekk ibiegħ il-pakketti kollha kien ser jagħtih €70, fil-waqt illi jekk ma jbiegħhomx ma jagħtih xejn. Qallu wkoll li din kienet l-aħħar darba li kien ser jagħtihomlu b'xejn. Skont hu, qallu wkoll illi meta jkun f'qagħda finanzjarja aħjar, kien ser iġiblu kapsula kokaina li tiswa €700 biex ibiegħha, iżda huwa qallu li ma kienx interessat f'dawk l-ammonti. Qallu wkoll li minflok seta' jġiblu sapuna *smoke* bil-prezz ta' ċirka €400, iżda huwa reġa' rrifjuta.

Bonnici jgħid ukoll illi meta telaq minn ħdejn Patrick, huwa mar *121 Lounge Bar* u wara mar *Clique* fejn iltaqa' ma' ċertu Wayne li kien jafu ftit minn Bormla. Huwa qallu li kellu l-kokaina, dan Wayne qallu li ried jippruvaha flimkien ma' sieħbu u jekk togħġbu, kien lest li jixtri gramma. Għalhekk marru t-*toilet* biex jippruvawha, Wayne mar għal sieħbu, u fil-frattemp waqt li kien qed jistenna lil Wayne jiġi ma' sieħbu huwa firex pakkett fuq l-ixkaffa tat-*toilet* u hekk kif dawn daħlu fit-*toilet,* sakkru l-bieb u sabu d-droga mifruxa bil-lest. Qabel ma laħqu ħadu minnha, meta lanqas ma kienu għadhom tkellmu fuq flus, laħqu marru l-pulizija. Bonnici kkonferma illi l-landa bit-tlettax-il pakkett trab abjad u t-trab abjad li nstab mifrux kienu tiegħu u li din kienet id-droga li kien tah Patrick.

Mistoqsi jekk kienx qatt tkellem fuq droga permezz tal-*mobile phone* ma' Patrick, Bonnici jgħid illi dan seħħ biss f'okkażjoni waħda meta xi tliet ġimgħat u nofs qabel, huwa (Bonnici) ċempillu sabiex imur ħdejh għaliex kien hemm Taljan li

ried id-droga. Jgħid illi Patrick kien mar u ħa lit-Taljan miegħu fil-vettura, iżda mill-bqija qatt ma tkellmu dwar droga fuq il-*mobile phone* stante li Patrick kien jiddejjaq jużah għal dan il-għan.[36]

Mill-atti tal-proċess verbal '*Dwar sejba ta' 13-il pakkett bi trab abjad li huma droga kokaina ġewwa l-istabbiliment bl-isem Clique fi Triq San Gorg, Paceville, nhar l-14 ta' Settembru 2008',* ossia dwar is-sejba tal-pakketti kontenenti trab abjad fil-pussess ta' Alfred Bonnici, esebit f'dawn il-proċeduri[37], jirriżulta illi l-Maġistrat Dr. A. Micallef Trigona ħatar *inter alia* lill-**Ispiżjar Mario Mifsud** bħala espert forensiku sabiex jeżamina s-sustanza in kwistjoni. L-imsemmi espert ippreżenta vera kopja ta' din ir-relazzjoni tiegħu f'dawn il-proċeduri[38], mil-liema jirriżulta illi huwa ngħata mill-Ispettur Keith Arnaud, borża tal-plastik trasparenti, li fuqha kien hemm *label* bajda bil-kliem "14.09.2008, Ħin 22:00 hrs, Elevat/i min Clique, Paceville, fil-preżenza ta' Wayne Nappa I.D. 614082(M), Duncan Mangion I.D. 188577(M), minn Spettur Keith Arnaud u PS 1355". F'din il-borża kien hemm landa żgħira tal-metall tal-marka "bis pino" li ġo fiha kien hemm żewġ biċċiet karti b'sustanza bajda fihom u tlettax (13)-il borża żgħira tal-plastik li ġo fihom kollha kien hemm sustanza ta' lewn abjad.

Dwar dan id-dokument, l-istess espert ikkonkluda illi s-sustanza bajda li kien hemm f'żewġ biċċiet karti u fi tlettax-il borża żgħira tal-plastik, f'ammont nett totali ta' 5.630 grammi, instabet is-sustanza Kokajina. Il-purita` medja tas-sustanza bajda għas-sustanza Kokajina kienet ta' ċirka 43.7%. Is-sustanza Kokajina hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.[39]

**Alfred Bonnici** xehed f'dawn il-proċeduri fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2009, wara li skonta s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu nhar is-27 ta' Marzu 2009. Huwa xehed illi l-imputat kien jgħaddilu d-droga kokaina biex ibiegħha u dan sabiex huwa jaqla' lira għaliex ma kienx ikollu flus. Jgħid illi dan seħħ darbtejn u illi fit-tielet okkażjoni "*imbagħad morna u kienu qabduna fil-fatt*"[40] u illi dan sar fuq perjodu ta' madwar xahar jew xahrejn stante illi meta nqabad, huwa waqaf. Mistoqsi kif l-imputat kien jagħtih id-droga, huwa jgħid illi kien imur mal-imputat fil-karozza ġewwa Paceville u illi dan kien jgħaddilu d-droga fl-istess karozza. L-

---

[36] Ara din l-istqarrija a fol. 4 sa 6 tal-proċess verbal esebit a fol. 42 tal-proċess.
[37] A fol. 41 tal-proċess.
[38] Jirriżulta fil-fatt illi r-relazzjoni oriġinali tal-espert l-Ispiżjar Mario Mifsud ġiet esebita fil-proċeduri li ttieħdu fil-konfront ta' Alfred Bonnici, vera kopja tal-atti ta' liema jinsabu esebiti fil-proċeduri odjerni a fol. 43 tal-proċess.
[39] Ara din ir-relazzjoni a fol. 94 *et seq* tal-proċess u x-xhieda tal-Ispiżjar Mario Mifsud a fol. 92 u 93 tal-proċess. Ara r-ritratti tal-pakketti in kwistjoni fir-relazzjoni ta' PC 122 Arthur Borg, maħtur mill-Maġistrat Dr. A. Micallef Trigona bħala *Scene of Crime Photographer*, formanti parti mill-proċess verbal tal-inkjesta dwar dan il-każ (a fol. 9 *et seq* tal-proċess verbal), kif ukoll fil-vera kopja tal-istess relazzjoni esebita minn PC 122 Arthur Borg f'dawn il-proċeduri (a fol. 84 tal-proċess).
[40] Ara a fol. 66 tal-proċess.

imputat kien ikun bit-*taxi* tal-għamla BMW. Jgħid illi l-imputat kien joħroġ id-droga mill-karozza, minn x'imkien fid-*dashboard* u jpoġġiha fuq is-*seat* u illi huwa kien jeħodha u jitlaq biha. Jixhed illi ġieli kien riekeb fil-karozza waqt illi l-imputat poġġa d-droga fuq is-*seat* u ġieli huwa kien barra mill-karozza. Jgħid illi l-ewwel darba l-imputat tah xi tliet pakketti – filwaqt illi jgħid ukoll "*insejt naqra ghax ilu naqra*"[41] u illi l-imputat kien jgħidlu biex ibiegħhom u jagħtih (lill-istess imputat) il-flus tagħhom. Huwa kien jagħti l-flus lill-imputat wara li jbiegħhom. L-imputat kien jgħidlu biex ibiegħhom bil-prezz ta' €70 il-pakkett u lilu kien jagħtih xi €30 jew €50 "*skond*"[42]. Ma kienx jgħidlu kemm kien jagħtih qliegħ fuq kull pakkett. Skont ix-xhud, fit-tieni okkażjoni ngħata żewġ jew tliet pakketti wkoll bl-istess ftehim. Jgħid illi huwa qatt ma ta flus lill-imputat minn qabel. Dwar l-aħħar okkażjoni, huwa jgħid illi "*Konna ftehmna xi 5 jew 6 u qabduni dak il-hin f'daqqa imbghad*".[43] Jikkonferma illi meta huwa kien inqabad mill-pulizija, huwa ġie arrestat mill-istabbiliment *Clique,* u illi dakinhar kellu xi tlettax-il pakkett. Jgħid ukoll illi dakinhar l-imputat kien ħallihomlu taħt ġebla u illi huwa ġabarhom minn hemm. Iltaqa' mal-imputat ġewwa Paceville, dan talbu sabiex ibiegħhom u wara huwa kellu jagħtih il-flus tagħhom. Mistoqsi dwar kif ġabarhom minn taħt il-ġebla u jekk kienx bagħtu l-imputat fuq il-post, ix-xhud jerġa' jgħid illi "*Insejt hafna issa ghax ilu naqra l-kaz*"[44], iżda jikkonferma illi l-imputat qallu sabiex jagħtih il-flus tagħhom meta jbiegħhom. Jgħid ukoll illi l-imputat qiegħed f'relazzjoni ma' oħtu u mistoqsi jekk qatt kellux xi jgħid miegħu, iwieġeb fin-negattiv "*Le lanqas xejn*".[45] Muri l-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija u maħlufa quddiem il-Maġistrat Dr. Mallia, l-imputat jikkonferma illi din kienet l-istqarrija li rrilaxxja u jikkonferma l-kontenut tal-istess.[46]

<u>In kontro-eżami</u> fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2013, l-istess **Alfred Bonnici** jikkonferma illi huwa ġie arrestat f'Settembru 2008 ġewwa l-istabbiliment *Clique*, flimkien ma' tnejn min-nies oħra, ċertu Nappa u Mangion, kif ukoll illi fil-pussess tiegħu, huwa kellu tlettax-il pakkett kokaina. Jgħid ukoll illi daħlu fit-*toilet* u nqabdu hemmhekk, għalkemm jgħid ukoll illi ma biegħilhomx droga u ma kienx qed ibiegħ id-droga. Jinnega illi wieħed minn dawn iż-żewġ persuni kien jixtri d-droga mingħandu regolarment u jgħid illi dan qatt ma xtara mingħandu, iżda kien ser jixtri dakinhar. Huwa kien jaf xi ftit lil wieħed minn dawn iż-żewġ persuni, iżda mhux lill-ieħor. Wara fuq iżjed insistenza da parti tad-difiża, ix-xhud jgħid ukoll illi jista' jkun xtara mingħandu f'xi okkażjoni qabel, iżda ma jiftakarx, anke għaliex kienu għaddew ħames snin. Meta ġie ssuġġerit lilu illi qabel Settembru 2008, huwa kien ibiegħ il-kokaina regolarment, huwa jwieġeb "*Naqra 'l hemm u 'l hawn, mhux jien imma. Kont inlaqqaghhom*

[41] Ara a fol. 69 tal-proċess.
[42] Ara a fol. 70 tal-proċess.
[43] A fol. 71 tal-proċess.
[44] Ara a fol. 73 tal-proċess.
[45] Ara a fol. 73 tal-proċess.
[46] Ara a fol. 65 sa 75 tal-proċess.

*fhimt*"[47] u jgħid illi huwa kien iġibilhom id-droga mingħandu u mhux joqgħod jiġri hu bid-droga. Fit-tliet okkażżjonijiet li huwa biegħ id-droga, huwa kien jgħaddi ħdejn l-imputat, iġib id-droga mill-karozza fis-sens illi l-imputat jagħtih id-droga u hu jibqa' sejjer biha. Fir-rigward tat-tlettax-il pakkett li kienu nstabu fil-pussess tiegħu, huwa jgħid illi dawn ġabhom mingħand l-imputat, mill-karozza tiegħu u illi biex jagħmel kuntatt mal-imputat, huwa kien jgħaddi ħdejh. Jgħid illi "*Mmur hdejh, nintefa fil-karozza hdejh, gieli mmorru dawra u ngib l-affarijiet*".[48] Jerġa' jgħid illi huwa kien imur ħdejh u jkellmu stante illi l-imputat kien joħroġ ma' oħtu u għalhekk kien jafu, dan kien jagħtih id-droga, huwa jbiegħha u jerġa' jmur lura bil-flus u ta' dan l-imputat kien jagħtih xi ħaġa żgħira talli jbiegħhomlu. Jgħid ukoll illi kien jirkeb miegħu fil-karozza, imorru dawra, jerġgħu lura fl-istess post u huwa jitlaq bid-droga. Dan kien iseħħ meta huwa kien jitla' Paceville. Jgħid ukoll illi jekk ikollu xi klijent biex jaqdih, kien jew iċempel lill-imputat u dan imur hu, jew inkella kien jieħu d-droga hu. Fil-jum tal-arrest madankollu, id-droga kienet fuqu, u ma kellux għalfejn imur għaliha għand l-imputat. In kwantu dak li seħħ nhar il-21 ta' Frar 2009, huwa jikkonferma li ħa sehem f'operazzjoni mal-pulizija u dan skont hu, għaliex il-pulizija riedu l-provi u għalhekk fi kliemu "*ghamilt l-istess affarijiet li kont naghmel qabel*".[49] Fuq domanda tad-difiża, jgħid ukoll illi huwa kien imur ħdejn l-imputat meta kien jitla' Paceville, iżda mill-bqija meta ried ilaqqgħu ma' xi ħadd kien iċempillu. Din kienet l-aħħar okkażżjoni li fiha kien ċempillu. Qabel ġieli ċempillu, iżda meta ma kienx ikollu d-droga fuqu huwa stess u l-imputat ma jkunx ħdejh. Jikkonferma li ġieli huwa kien laqqa' lill-imputat ma' terzi sabiex ibiegħhilhom id-droga ġewwa Paceville, fejn kien ikun l-imputat. Skont ix-xhud, din ġrat ftit drabi u ma kienx ser jiftakar id-dati għax għadda ż-żmien, għalkemm kienu tlieta d-drabi li mar hu stess u ġab id-droga mingħand l-imputat. Bonnici żied jgħid illi fiż-żmien bejn l-arrest tiegħu u l-arrest tal-imputat huma ma żammew ebda kuntatt bejniethom, sakemm imbagħad huwa ċempel lill-imputat fid-19 ta' Frar 2009 għax kien qed jikkopera mal-pulizija. Mistoqsi x'kien qal lill-imputat fuq it-telefon, huwa jgħid illi qallu "*bhas-soltu*"[50] u ċioe` illi ċempillu sabiex iġiblu sitta u biex jiltaqgħu fit-tali post u illi l-imputat mar u nqabdu fil-fatt. Wara jgħid ukoll illi lill-imputat, huwa qallu li kien hemm sitta min-nies "*biex jitilghu mieghek, biex tigi ghalihom*".[51] Jikkonferma wkoll illi t-telefonata tiegħu lill-imputat saret fil-presenza tal-Ispettur, għalkemm ma ftakarx jekk saritx dakinhar stess li ltaqgħu jew qabel. Jgħid ukoll illi l-imputat kien jaf li huwa ġie arrestat f'Settembru tant illi meta arrestawh "*gie hemm hekk*"[52] u jikkonferma illi dakinhar ta' Frar 2009, meta tfaċċa l-imputat, huwa tela' miegħu fil-karozza fuq

---

[47] A fol. 152 tal-proċess.
[48] A fol. 154 tal-proċess.
[49] A fol. 156 tal-proċess.
[50] A fol. 160 tal-proċess.
[51] A fol. 161 tal-proċess.
[52] A fol. 162 tal-proċess.

in-naħa tal-passiġġier u illi x'ħin waqqfuhom il-pulizija, huwa niżel mill-karozza u telaq.[53]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Dwar l-istqarrija rilaxxjata minn Bonnici, jirriżulta mill-proċess verbal "*Dwar xhieda guramentata ta' Alfred Bonnici skond rapport tal-pulizija tas-16 ta' Settembru, 2008*" esebit fl-atti ta' dawn il-proċeduri, illi *di proprio pugno* l-istess Maġistrat Dr. Mallia kiteb hekk fil-qiegħ tal-aħħar paġna tal-istqarrija rilaxxjata minn Bonnici nhar il-15 ta' Settembru 2008:

> "Moqri lill Alfred Bonnici (ID 402789) illum 16 ta' Settembru 2008 fl-għassa tal Pulizija, Sliema mill Magistrat Michael Mallia u quddiemu konfermata bil gurament, fil presenza wkoll tal ispettur Keith Arnaud."

Taħt dan il-kliem, imbagħad, hemm il-firma tal-Maġistrat Dr. Michael Mallia.

Dwar din l-istqarrija ġuramentata, id-difiża tissottometti illi din mhijiex waħda valida stante illi ai termini tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, stqarrija ġuramentata ssir billi tinstema' x-xhieda quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. L-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, madankollu, jgħid hekk:

> Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta'vantaġġi. [sottolinear tal-Qorti]

Dan ifisser illi ma hemm xejn irregolari fil-prova li ġabet il-Prosekuzzjoni. L-istqarrija rilaxxjata minn Bonnici lill-Pulizija Eżekuttiva hija proprju dikjarazzjoni li sussegwentement ġiet maħlufa minnu bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Dr. Mallia, skont il-liġi u għalhekk tista' tinġieb bħala prova.

In oltre l-Artikolu 24A(12) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "Waqt li tkun qed issir investigazzjoni ta' reat kontra din l-Ordinanza, il-Pulizija Esekuttiva tista' titlob lil maġistrat biex jisma' bil-ġurament lil

[53] Ara din ix-xhieda a fol. 148 sa 163 tal-proċess.

kull persuna li hija taħseb li għandha informazzjoni dwar dak ir-reat; u l-maġistrat għandu minnufih jisma' lil dik il-persuna bil-ġurament."

Il-Qorti tinnota fir-rigward ta' dan l-artikolu illi l-liġi ma tispeċifikax mod speċifiku kif il-Maġistrat għandu jisma' lil persuna li jista' jkollha informazzjoni dwar reat kontra l-Ordinanza, salv illi dan isir bil-ġurament. Fil-każ odjern, il-Maġistrat sema' lil Bonnici jikkonferma l-kontenut tal-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija Eżekuttiva bil-ġurament wara li din ġiet moqrija lilu u għalhekk ma jistax jingħad illi l-istqarrija ġuramentata ta' Bonnici mhijiex waħda valida skont il-liġi.

Dan apparti illi l-istess Bonnici xehed ukoll f'dawn il-proċeduri, kemm in eżami, kif ukoll in kontro-eżami.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi l-Artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid illi f'kull każ, ix-xhieda ta' xhud wieħed biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie pruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 637 tal-istess Kodiċi, imbagħad, fi kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta' xhud, għandu jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, jekk dik ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Ġie imbagħad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal neċessarjament għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata, imma l-ġudikant irid jara lil min ser jemmen u f'hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena imsemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, **<u>Il-Pulizija vs Joseph Thorne</u>**, deciza fid-9 ta' Lulju 2003).

L-Artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid ukoll illi:

(1) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali meta persuna tkun xtrat jew xort'oħra kisbet jew akkwistat mediċina bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ix-xiehda ta' dik il-persuna fi proċedimenti kontra l-persuna li mingħandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-mediċina, m'għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanzi oħra.

(2) Meta l-uniku xhud kontra l-akkużat f'xi reat kontra din l-Ordinanza jew kontra l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha li jinstema' quddiem il-ġurati jkun persuna kompliċi, il-qorti għandha tagħti direzzjoni lill-ġurija biex jiżnu x-xhieda

tax-xhud b'kawtela qabel ma jserrħu fuqu u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat.

Il-Qorti tqis fir-rigward tal-istqarrija ġuramentata ta' Bonnici illi din kienet waħda pjuttost dettaljata u fiha l-istess Bonnici ma jimplikax biss lill-imputat odjern, iżda jammetti wkoll l-involviment tiegħu in konnessjoni mad-droga. Huwa veru wkoll illi l-istess Bonnici inqabad mill-pulizija *in flagrante* ġewwa t-*toilets* tal-istabbiliment *Clique*, filwaqt illi kien qed jittenta jbiegħ id-droga kokaina lil terzi persuni, iżda fl-istqarrija tiegħu huwa ma jsemmix biss id-droga li nstabet fil-pussess tiegħu f'dik l-okkażjoni, iżda jammetti wkoll illi biegħ id-droga wkoll f'okkażjoni preċedenti, madwar ġimgħa qabel seħħ il-każ odjern. Jirriżulta wkoll illi l-istess Bonnici ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu immedjatament fl-ewwel seduta li nżammet fil-każ tiegħu quddiem il-Qorti u weħel piena karċerarja skont il-liġi. Il-Qorti tqis ukoll illi d-dettalji li jagħti l-istess Bonnici f'din l-istqarrija in konnessjoni mal-mod kif l-imputat kien jgħaddilu d-droga huma lkoll verosimili, inkluż ukoll il-post fejn dan kien iseħħ, korroborat mill-fatt, kif ikkonfermat mill-Ispettur Arnaud, illi f'dak il-perjodu, l-istess imputat kien ikun fil-*venda* tat-*taxis* ġewwa Paceville stante li kien xufier ta' *taxi*. Il-Qorti qed tqis ukoll illi Bonnici ma kienx għal kollox konsistenti fix-xhieda tiegħu matul dawn il-proċeduri. Filwaqt illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu, huwa jsemmi żewġ okkażjonijiet li fihom l-imputat għaddielu d-droga kokaina sabiex ibiegħha lil terzi, inkluż dakinhar tal-14 ta' Settembru 2008 meta Bonnici stess ġie arrestat, diversi drabi fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri huwa jsemmi tliet okkażjonijiet, għalkemm irid jingħad ukoll illi fil-bidu tax-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri huwa mill-ewwel jgħid illi kienu tnejn l-okkażjonijiet li fihom l-imputat tah id-droga sabiex ibiegħha u jirreferi għat-tielet okkażjoni bħala dik li fiha kkopera mal-pulizija u għalhekk fi Frar 2009 meta ġie arrestat l-imputat. In oltre għalkemm Bonnici jgħid ukoll illi fl-ewwel okkażjoni l-imputat kien tah tliet pakketti bil-kokaina sabiex ibiegħha, mentri fl-istqarrija huwa jgħid illi l-imputat kien tah ħamsa, u jgħid ukoll illi fit-tieni okkażjoni, l-imputat tah żewġ jew tliet pakketti, mentri skont l-istqarrija t-tieni okkażjoni kienet dik li fiha huwa ngħata tlettax-il pakkett mingħand l-imputat, matul ix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, huwa jerġa' jikkonferma illi fil-fatt l-imputat kien tah xi tlettax-il pakkett dakinhar li huwa ġie arrestat. Tqis ukoll illi għalkemm f'punt minnhom fix-xhieda tiegħu, Bonnici jgħid illi l-landa bit-tlettax-il qartas kien ġabarha minn taħt ġebla kif kien indikalu l-imputat, u illi fil-fatt ma kienx għadda daqshekk żmien bejn l-istqarrija rilaxxjata minnu u x-xhieda tiegħu in eżami f'dawn il-proċeduri sabiex jista' jingħad illi x-xhud seta' nesa xi dettalji, biss mill-bqija jibqa' jikkonferma dak li kien qal oriġinarjament fl-istqarrija tiegħu, illi d-droga kien jagħtihielu l-imputat fil-vettura tiegħu. In eżami u għalhekk ftit iżjed minn sena wara l-arrest tiegħu, huwa jgħid dak li kien qal fl-istqarrija oriġinarjament u ċioe` illi l-imputat kien jgħaddilu d-droga fil-vettura – ġieli waqt li hu stess ikun riekeb fil-karozza mal-imputat (kif allura, skont l-istqarrija ta' Bonnici, ġara fit-

tieni okkażjoni) u ġieli waqt li huwa kien ikun barra mill-vettura (kif skont l-istess stqarrija ġara fl-ewwel okkażjoni) u jerġa' jsemmi dak li qal fl-istqarrija tiegħu, illi l-imputat kien joħroġ id-droga mid-*dashboard* tal-vettura – fatt li semmieh darbtejn fl-istqarrija rilaxxjata minnu. Fix-xhieda tiegħu Bonnici jikkonferma wkoll dak li qal fl-istqarrija tiegħu fis-sens illi laqqa' lill-imputat ma' terzi li riedu jakkwistaw id-droga, għalkemm fl-istqarrija tiegħu huwa jgħid illi dan kien seħħ f'okkażjoni waħda biss.

Il-Qorti qed tqis ukoll illi għalkemm l-Ispettur Arnaud ikkonferma li ta' spiss kien ikun hemm ġlied bejn l-imputat u t-tfajla tiegħu, oħt Bonnici, ma jirriżultax li kien hemm relazzjoni ħażina bejn l-imputat u Bonnici, tant illi meta Bonnici ċempel lill-imputat fi Frar 2021, dan tal-aħħar ftiehem miegħu u mar fuq il-post kif kienu ftiehmu, sabiex jiltaqa' miegħu. Iżjed minn hekk, m'hemmx dubju illi l-verżjoni ta' Bonnici tkompli tissaħħaħ u takkwista iżjed kredibilita` u hija korroborata bil-fatt illi dakinhar tal-21 ta' Frar 2009, wara illi Bonnici ċempel lill-imputat fuq struzzjonijiet tal-pulizija, u kellmu "*bħas-soltu*" sabiex jiltaqgħu bl-iskop illi l-imputat jaqdi sitta min-nies, l-istess imputat fil-fatt mar fil-post miftiehem u fil-pussess tiegħu kellu proprju ħames pakketti bid-droga kokaina.

Hawnhekk il-Qorti terġa' lura għall-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar jekk dan kienx *entrapment* o meno.

Mis-suespost jirriżulta illi ma jistax jingħad illi l-imputat kien bniedem innoċenti li ġie indott sabiex jikkommetti reat li altrimenti huwa ma kienx jikkommetti. Huwa evidenti mill-istqarrija maħlufa u mix-xhieda ta' Bonnici, kif ukoll minn dak li seħħ sussegwentement fi Frar 2009, illi dak li għamel l-imputat, wara t-telefonata ta' Bonnici fuq struzzjonijiet tal-pulizija, kien sempliċiment ripetizzjoni ta' dak li kien diġa` għamel preċedentement u għalhekk ma jistax jingħad illi l-Pulizija Eżekuttiva kienet aġent provokatur f'dan kollu jew li kkommettiet *entrapment* tramite Bonnici, iżda dak li għamlet kien illi offriet opportunita` lill-imputat li kien diġa` predispost illi jikkommetti r-reat indipendentement mill-intervent tal-istess Pulizija jew ta' Bonnici, li kien qed jaġixxi fuq struzzjonijiet tagħhom. Kull ma għamlu l-Pulizija f'dan il-każ kien illi pprovdew lill-imputat b'opportunita`, mingħajr pressjoni, persważjoni jew induċiment żejjed, liema opportunita` l-istess imputat ħatafha u mar jiltaqa' ma' Bonnici, kif miftiehem, bid-droga kokaina fil-pussess tiegħu.

Naturalment dan ma jfissirx illi l-Pulizija m'għandhiex issegwi d-dettami tal-liġi f'każijiet simili, senjatament dak dispost fl-Artikolu 30B tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dan għalhekk illi f'każijiet ta' konsenja kkontrollata l-Pulizija għandha titlob il-kunsens tal-Maġistrat jew tal-Avukat Ġenerali qabel u sabiex taġixxi, b'tali mod illi l-proċess kollu jkun sorveljat u dokumentat, u ma jkunx

hemm lok għal abbużi, bir-riżultat illi ma jinħolqux dubji dwar l-operat tal-Pulizija Eżekuttiva.

Il-Qorti tqis ukoll illi lanqas il-provi mressqa in difeża ma jxejjnu l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni.

**John Spiteri** jixhed illi huwa kien ilu jaf lill-imputat madwar sitt snin, jiġifieri ċirka mis-sena 2007, illi dak iż-żmien huwa kellu problema tad-droga u li l-imputat għenu sabiex jitbiegħed mill-vizzju. Jgħid illi fis-sena 2007, bis-saħħa tal-imputat, beda jattendi ġewwa l-Aġenzija Caritas. Jgħid ukoll illi filgħodu l-imputat kien iwasslu għall-mistura, kien jieħdu miegħu Paceville fuq il-lant tax-xogħol, fejn kien iqatta' ħin twil mal-imputat sabiex dan iżommu l-bogħod mid-droga u eventwalment għamel programm, li gradwa minnu matul is-sena ta' qabel ix-xhieda tiegħu (u għalhekk fis-sena 2012). L-imputat ġieli anki tah xi flus u ikel u ħlief ġid mingħandu ma rax. Jgħid ukoll illi kemm kien ilu jaf lill-imputat, dejjem jafu jitkellem kontra d-droga.

<u>In kontro-eżami</u> huwa jixhed illi huwa kien jitla' Paceville mal-imputat fis-sena 2007 u dam madwar sena u nofs jew sentejn jagħmel dan. L-aktar ġurnata li kien iqatta' ħin mal-imputat waqt li jkun xogħol Paceville kien fil-jum tal-Ħadd, għalkemm żied jgħid ukoll illi ġieli għamel ġimgħa sħiħa jitla' Paceville ta' kuljum mal-imputat waqt li jkun xogħol. Kien ikun miegħu ta' spiss. Spjega illi waqt li kienu jkunu Paceville kien iqatta' anki ħin mal-kollegi tax-xogħol tal-imputat u meta l-imputat kien ikollu kirja bit-*taxi* u ma jkunx hemm post għalih, huwa kien jibqa' jistenna lill-imputat fejn ix-xufiera l-oħra. Meta kien ikun miegħu qatt ma ra droga u l-imputat qatt ma qallu b'dawn l-affarijiet. Żied jgħid li għalkemm kien jaf lil Alfred Bonnici, hu qatt ma kien rah ħdejn l-imputat.[54]

**Lawrence Spiteri**, missier ix-xhud John Spiteri, jixhed illi huwa ħabib tal-imputat. Jgħid illi huwa sab ħafna għajnuna mingħandu meta ibnu qabad il-vizzju tad-droga. Dak iż-żmien l-imputat kien jgħinu billi kien iwassal lil ibnu għall-mistura ġewwa d-*Detox*, imbagħad jieħdu miegħu fuq il-lant tax-xogħol. Jgħid illi ibnu kien iqatta' ħin twil ta' kuljum mal-imputat u kien anki bil-għajnuna tiegħu li qabad triq il-bogħod mill-vizzju tad-droga. Jgħid in oltre illi l-imputat kien anke għen lill-ibnu l-ieħor, David, li eventwalment tilef ħajtu b'*overdose*.[55]

**Stephen Agius** jixhed illi huwa xufier tat-*taxi* u kien ilu jagħmel dan ix-xogħol għal dawk l-aħħar għaxar snin (u għalhekk mis-sena 2007). Kien jaf lill-imputat proprju għaliex kien xufier tat-*taxi* bħalu. Jgħid illi fl-aħħar jum tas-sena 2008 hu u xufiera oħra, fosthom l-imputat, kienu xogħol ġewwa Paceville. Jgħid ukoll illi waqt illi kienu fil-venda fil-pjazza ta' Paceville, uffiċjali tal-pulizija mmexxija

---

[54] Ara a fol. 166 sa 180 tal-proċess.
[55] Ara din ix-xhieda a fol. 181 sa 187 tal-proċess.

mill-Ispettur Norbert Ciappara għamlu tfittxija fil-vettura tal-imputat, iżda wara sagħtejn tfittxija ma sabulu xejn, tant illi l-imputat baqa' fuq il-post. Jgħid ukoll illi dakinhar kien hemm madwar għaxar vetturi tat-*taxi* fil-venda iżda t-tfittxija saret biss fil-konfront tal-imputat.[56]

**Omar Micallef** jixhed illi huwa ilu jaħdem bħala xufier tat-*taxi* għal dawk l-aħħar ħmistax-il sena (u għalhekk mis-sena 2002). Jgħid illi fl-aħħar jum tas-sena 2008, waqt illi kienu xogħol fil-pjazza ta' Paceville, uffiċjali tal-Pulizija għamlu tfittxija fil-vettura tal-imputat, li damet għaddejja ħin twil. Jgħid illi għalkemm dakinhar kien hemm xi għoxrin *taxi* fl-imsemmi post, il-Pulizija marru direttament fuq l-imputat u għamlu ftittxija fil-konfront tiegħu biss. Meta tlestiet it-tfittxija, l-imputat baqa' għaddej bix-xogħol tiegħu.[57]

**Charles Aquilina**, ukoll xufier tat-*taxi,* jixhed illi għall-ħabta tat-23 ta' Lulju 2016 kien flimkien mal-imputat ġewwa l-istabbiliment *Cafe del Mar*. Hemm ġie avviċinat minn raġel, li wara sar jaf li kien Alfred Bonnici u li dak iż-żmien kien jaħdem bħala *bouncer* fl-istess stabbiliment. Skont hu, dan Bonnici avviċina lilu u lill-imputat u hekk kif għamel dan, l-istess imputat warrab. Jgħid illi Bonnici beda jitkellem miegħu u qallu li kien żbalja fil-konfront tal-imputat u li kien qal dwaru dak li kienu qalulu sabiex jgħid. Jgħid illi huwa qal lil Bonnici sabiex jitla' u jgħid il-verita` u dan wieġbu illi hekk kien ser jagħmel.

In kontro-eżami xehed illi lil Alfred Bonnici ma kienx jafu qabel u lanqas qatt ma kien tkellem miegħu qabel dakinhar. Wara din id-darba qatt aktar ma tkellem ma' Bonnici. Żied jgħid illi dakinhar l-imputat u Bonnici ma tkellmux tant illi l-imputat tbiegħed hekk kif Bonnici resaq qrib tagħhom.[58]

Dwar din ix-xhieda tal-aħħar, il-Qorti għandha d-dubji tagħha dwar kemm verament Bonnici avviċina terz li huwa ma kienx jaf u li qatt qabel ma tkellem miegħu u qallu proprju dak li x-xhud jgħid illi qallu, meta jiġi kkunsidrat il-kontenut serju ta' din l-allegata konversazzjoni. Id-difiża kellha wkoll kull opportunita` illi terġa' ssejjaħ lil Bonnici sabiex jixhed u tikkonfrontah bix-xhieda ta' Aquilina, iżda dan baqgħet m'għamlitux. Fi kwalunkwe każ, u dan b'referenza għal din ix-xhieda kollha prodotta mid-difiża, il-Qorti tqis illi minkejja din ix-xhieda u minkejja li l-imputat seta' għen kemm felaħ lil Spiteri fil-ġlieda tiegħu kontra d-droga, u minkejja wkoll illi setgħet saret tfittxija fl-aħħar jum tas-sena 2008 – u għalhekk fis-sena li fiha Bonnici inqabad bid-droga – liema tfittxija rriżultat fin-negattiv, dan ma jxejjinx il-fatt illi fil-21 ta' Frar 2009, l-imputat instab proprju fil-pussess tad-droga kokaina u dan fiċ-ċirkostanzi

[56] Ara din ix-xhieda a fol. 198 sa 203 tal-proċess.
[57] Ara din ix-xhieda a fol. 204 sa 208 tal-proċess.
[58] Ara din ix-xhieda a fol. 209 sa 215 tal-proċess.

deskritti iżjed 'il fuq, meta allura bl-egħmil tiegħu, huwa wera li kien qed jaċċetta li jforni din id-droga lil numru ta' persuni, jew lil Bonnici għal numru ta' persuni.

Illi għalhekk fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li għamlet iżjed 'il fuq, il-Qorti tqis illi kemm l-imputazzjoni (a), li tikkontempla r-reat ta' traffikar tad-droga kokaina, kif ukoll l-imputazzjoni (b), li tikkontempla r-reat ta' pussess tad-droga kokaina f'tali ċirkostanzi li juru li din ma kinitx għall-użu esklussiv tal-imputat, jirriżultaw sodisfaċentement ippruvati skont il-liġi, u dan b'referenza għall-perjodu indikat fiċ-ċitazzjoni odjerna.

In kwantu għall-aggravju tad-distanza, addebitat lill-imputat, il-Qorti tqis illi fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2011, id-difiża ddikjarat illi ma kinitx qegħda tikkontesta illi l-allegat reat – ossia dak ikkontemplat fl-imputazzjoni (b) - sar ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola *jew club* jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post ieħor fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ u għalhekk eżentat lill-Prosekuzzjoni milli ġġib din il-prova.[59] Għaldaqstant tqis illi dan l-aggravju jirriżulta sodisfaċentement ippruvat.

## Ikkunsidrat ulterjorment:

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qed tqis fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat, kif aġġornata sa Awwissu 2020, mil-liema jirriżulta illi l-imputat instab ħati ta' diversi reati, fosthom, reati kontravvenzjonali u reati taħt il-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, pussess tar-raża tal-*cannabis*, illi involontarjament kkaġuna ferita ta' natura ħafifa, reati kontra l-Ordinanza tad-Dwana u tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud u pussess ta' arma tan-nar mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, ksur ta' liberazzjoni kundizzjonata, użura u theddid ta' delitt, sewqan ta' vettura waqt perjodu operattiv ta' sentenza li ordnat is-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan, reati taħt il-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta u taħt l-Artikolu 252(1) tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll traffikar u pussess aggravat tad-droga kokaina (b'referenza għas-7 ta' Novembru 2014 u s-sentejn ta' qabel din id-data), u reati taħt l-Artikoli 95 u 96 tal-Kodiċi Kriminali. Dwar dawn l-imputat ġie ikkundannat għal pieni pekunjarji diversi drabi, sentenza ta' priġunerija sospiża, sentenza ta' priġunerija effettiva u ngħata liberazzjoni kundizzjonata darbtejn.

Il-Qorti qed tqis ukoll is-*Social Inquiry Report* redatt fil-konfront tal-imputat mill-Uffiċjal tal-*Probation* Mary Rose Farrugia fuq talba tad-difiża, mil-liema jirriżulta illi fiż-żmien tal-kumpilazzjoni tal-istess rapport ossia f'Novembru tas-sena 2018, l-imputat kien qed jgħix ħajja aktar stabbli, jerfa' r-responsabilita` tat-trobbija ta' ibnu ta' erba' snin waħdu, jattendi sessjonijiet ġewwa l-Aġenzija Caritas regolarment dwar droga u logħob tal-azzard u kien taħt il-kura psikjatrika

[59] Ara a fol. 23 u 104 tal-proċess.

ta' Dr. Joseph Spiteri. Erba' kampjuni tal-urina li ttieħdu ġewwa d-Dipartiment tal-*Probation* u *Parole* irriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti.[60] Qed tqis ukoll ix-xhieda sussegwenti tal-Uffiċjal tal-*Probation* tas-6 ta' Jannar 2020.[61]

Qed tqis in oltre in-natura serja tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati, kif ukoll l-ammonti ta' droga kokaina li jirriżultaw nvoluti fil-każ.

Tqis ukoll illi għalkemm dan il-każ jirrisali għas-sena 2009, fil-maġġor parti tiegħu d-dewmien kien imputabbli lill-istess imputat jew lid-difiża.

Hawnhekk il-Qorti qed tikkunsidra wkoll illi minkejja s-sejbien ta' ħtija fl-imputat dwar l-imputazzjonijiet odjerni, ma tirriżultax prova fil-grad rikjest mil-liġi illi s-somma ta' €500 fi flus kontanti misjuba fil-pussess tal-istess imputat nhar il-21 ta' Frar 2009[62], kienet ġejja mill-ispaċċ tad-droga u għaldaqstant m'hijiex ser tordna l-konfiska ta' din is-somma.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i), kif ukoll it-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonjiet miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' **tnax-il (12) xahar priġunerija effettiva** u **multa ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi kemm il-darba l-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.
Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti f'dawn il-proċeduri ossia l-ispejjeż relatati mal-ħatra tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti għas-somma ta' mitejn u ħdax-il ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€211.87) u dan fi żmien xahrejn mil-lum.

Il-Qorti tordna r-rilaxx favur il-ħati tas-somma ta' ħames mitt ewro (€500) fi flus kontanti esbita bħala Dok. DT.

[60] Ara dan ir-rapport a fol. 224 *et seq* tal-proċess.
[61] Ara a fol. 247 sa 251 tal-proċess.
[62] Ara x-xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma, a fol. 24 sa 27 tal-proċess u x-xhieda ta' PC 1183 Oliver Borg, a fol. 79 u 80 tal-proċess.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bħala Dok. DT 1, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat